*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 57**

**It-Tnejn 18 ta' Diċembru 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u mxandra fuq il-facebook page tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**57.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm ittra t'apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

**57.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 56 li saret Nhar il-Ħamis 23 ta' Novembru 2023:***

**57.2.1** ***Korrezzjoni tal-Minuti:***

**57.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li paġna 5 punt 56.3.7 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew iċ-ċerimonja tat-30 anniversarju tal-Kunsilli lokali.*

*Huwa qal li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ingħata rikonoxximent tas-servizz li ta fil-Kunsill f'dawn l-aħħar 26 sena.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekondta l-Kunsillier il-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**57.2.2** ***Matters Arising tal- Laqgħa 56 li saret Nhar il-Ħamis 23 ta' Novembru 2023:***

**57.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 56.2.2.1 fejn qal li l-funtana ta' Ġnien Sant'Anna qed taħdem u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qed jissuġġerixxi li jsiru xtili mad-dawra tal-funtana.

Kien hemm qbil dwar dan.

**57.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 56.2.2.2 fejn qal li l-Christmas Village kien suċċess u n-nies ħadu gost. Huwa qal li l-Ħadd kellu jitħassar minħabba il-maltemp. Is-Sindku rringrazzja lir-Reġjun taż-żewġ coaches nies li ġabu. Huwa estenda r-ringrazzjament tiegħu lil Kunsilliera is-Sur John B Camilleri, is-Sur Charlot Mfisud u s-Sinjura Maryrose Mifsud għal ħidma tagħhom sabiex din l-attivita setgħet kienet ta' suċċess.

**57.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 56.2.2.6 qal li anke l-wirja tal-presepji kienet suċċess.

**57.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 56.2.2.7 fejn qal illi għalkemm xtaq illi kelna iktar parteċipazzjoni fuq l-iskema tal-waste reduction min-naħa tan-nies il-bord maħtur xorta talabna nibgħatu xi ritratti tal-pallets u ser inkunu qed nikkompetu għal din l-iskema ukoll.

**57.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 56.2.2.10 fejn qal li min-naħa tal-kumpanija Żiebel fuq is-*sea bin* bqajna mingħajr risposta għalkemm n-naħa tagħna għamilna diversi tentattivi sabiex nitkellmu ma' din il-kumpanija.

**57.2.2.5a** Is-Sindku spjega ukoll illi hemm 9 tappiri tal-ħadid fuq il-bankina fi Triq ix-Xatt fejn l-ilma baħar beda jgħollijom u kienu qed jgħamlu ħafna ħsejjes u għaldaqstant il-ħadid tal-Kunsill ser jgħamillom flat bar fuqhom

**57.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 56.3.1 fejn qal illi ser titwaħħal tabella tal-iskeda ħdejn ir-rixtellu Triq l-Għassies kantuniera ma Triq Vittorio Cassar biex r-residenti tal-kumpless jibdew jiddepożitaw l-iskart hemm u ser issir tabella biex ma jintremiex l-iskart fl-entratura ta' dan il-kumpless.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-6.25pm.***

**57.2.2.7** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 56.3.8 fejn qal li l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attenda għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni ġewwa l-iskola.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li attenda l-iskola ta' San Gwakkin u preżenta il-kotba f'isem il-Kunsill.

**57.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 56.3.12 fejn qal li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għamel din il-*panel tad-distribution box* mal-bini tal-Kunsill u ser tintuża għal attivitajiet.

**57.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 paragrafu 56.3.12 fejn qal li għamel din il-pannel tad-*distribution box* saret bħala prova u irnexxit , huwa kompla jispejga illi jridu jsiru xi aġġustamenti oħra sabiex tkun aħjar.

Is-Sindku qal ukoll illi kif jitneħħew il-*containers* tal-bava u tal-Puluzija dik is-simenta tkun tista tiġi utilizzata kollha għal attivitajiet.

**57.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 paragrafu 56.2.2.11 fejn staqsa jekk Triq l-Iskal hux lesta.

Is-Sindku wieġbu illi Triq l-Iskal għada mhux lesta però kif titlesta Triq l-Iskal ser jirranġaw problema li hemm fi Triq Dawret it-Torri għaliex hemm xi garraxxijiet li qed jerqu u wara jitkomplew Triq La Sengle.

**57.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 paragrafu 56.3.4 fejn staqsa fuq id-delegazzjoni taċ-Ċiniżi.

Is-Sindku spjega li dawn ġew iżuru l-Kunsilli.

**57.2.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 paragrafu 56.3.2 fejn qal illi fi Triq Sant'Antnin hemm żewġ applikazzjonijiet differenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill tefa l-*objection* fuq l-iktar applikazzjoni reċenti għaliex l-oħra konna oġġezzjonja għalija ukoll.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli daħal għal laqgħa fis-6.35pm.***

**57.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**57.3.1** **<u>Żieda tas-Sinjura Marthese Sciberras from scale 16 point 3 to scale 16 point 4</u>**

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**57.3.2** **<u>Proposta għal proġett innovazzjoni diġitali għal kulħadd għal Kunsilli Lokali</u>**

Il-Kunsill ressaq din il-proposta għal dan il-kors ta' innovazzjoni diġitali mmirkat lejn l-anzjani.

Il-Kunsill qabel li dan il-kors jsir mingħand it-tctc peress li diġà għadu il-kompjuters tiegħu hemm. Dan il-kors ser jammonta €2400.

Il-Kunsill qabel li jsir dan il-kors biss.

**57.3.3 Road Safety at Marsaskala (35/4542/23/I)**

Is-Sindku spjega li din il-kwistjoni inqalgħet fuq l-isleeping policeman u qal li lil dan lir-resident kien spjegalu li bankina ma tistax issir għaliex jkollom jitneħħew il-parkeġġi. Huwa qal li għanda nkomplu ninsistu għal ispeed camera.

Is-Sindku qal li qed jitolbu ukoll sleeping policeman oħra però din mhux possibili li ssir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-problema hija l-*overspeeding* u ma jkunx hemm sorveljanza u hemm bżonn li jkun hemm l-uffiċjali bl-*ispeed guns*.

**57.3.4 Laqgħat Novembru 2023**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud attendew diversi laqgħat, fejn attendew ukoll il-laqgħa tat-30 sena anniversarju, attendew ukoll program kulturali meta spiċċaw mis-sena tar-Reġjun. Huwa qal li attenda laqgħa mas-Sinjura Rebecca Micallef rigward il-fondi tal-AGM 2026 organizzata minn SEM.

**57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

*Ma kienx hemm mistoqsijiet*

**57.5 Rapporti:**

**57.5.1** Ma kienx hemm rapporti.

**57.6 *Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm

**57.7 *Korrispondenza:***

**57.7.1 Proposed kerb outline & embellishment plan.**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa qara l-korrispondenza kollha. Huwa qal illi mill- iktar parti li toħroġ il-barra fejn hemm it-taraġ issir bankina li toħroġ1.5 metri filwaqt li tri tiġi wiesgħa ftit iktar minn 5 metri.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li minn 1.2mtr issa qed jitlob 1.5mtr.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta kien tkellem mal-Perit tiegħu kien qallu li filkas issir 1.2mtr.

Il-Kunsillier il-Perit Schembri qal li huwa ma jaqbiliex kif qed tiġi proposta l-bankina u jaqbel li l-bankina tinħareġ il-barra 1.5mtr minn kullimkien u tibqa fil-forma tagħha kif qeda iġifieri għat-tond.

Kien hemm qbil li unanimu li nitolbuh li jgħamel il-bankina 1.5mtr minn kull parti tal-faċċata.

**57.7.2 Pettizjoni ghal sleeping policeman Triq il-Magħluq**

Is-Sindku spjega li din il-petizzjoni mhux qed kif suppost għaliex ma kitbux fejn qed jiproponu jekk hux ġo triq jew oħra u anke jniżlu id cards tgħahom li issir din l-isleeping policeman. Huwa kompla jispjega li jaf wieħed mil firmatarji ta' din il-petizjoni u qed jipprova jikkomunika miegħu sabiex jagħtuna l-informazzjoni neċessarja.

**57.7.3 Proposta ghal proġett innovazzjoni diġitali ghal kulhad ghal Kunsilli Lokali ta' Malta**

Din diġà ġiet diskussa.

**57.7.4** **<u>Trasferiment tal-leave tal-ħaddiema klerikali mis sena 2023 għas sena 2024</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ser titressaq għal laqgħa ta Jannar.

**57.7.5** **<u>Żieda tas-Sinjura Sharon Schembri li ser tiprogressa fi Skala 10 point 6.</u>**

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**57.7.6** **<u>Żieda tas-Sinjura Claire Attard li ser tiprogressa fi Skala 10 point 5</u>**

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**57.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 57:</u>**

**57.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta żewġ invoices li daħlu tard:

Progressive Solutions Ltd servizz ta parks and gardens inv No MLC51 li tammonta għal €4185.07 u tinqata 15% default notice.

WM Environmental Ltd servizz ta' Street Sweeping inv MLCss37 li tammonta għal no €7309.21 u tinqata 15 % default notice.

**57.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament no 5605 ta' Roderick Fenech towing Service fejn staqsa jekk dawn hux towing tal-vetturi tal-parkeġġ tal-iskola u jekk inħalsux is-servizz aħna.

Is-Sindku spjega illi dawn mhux tat-towing imma talli jiġi darba fil-ġimgħa quddiem l-iskola bħala sorveljanza. Huwa kompla jispjega illi jekk ikun hemm bżonn ta towing allura jitħallsu dirett mingħand ir-residenti li tiġi ittowjata il-karozza tiegħu. Huwa qal li talli jiġi jieħu €30 kull darba.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa x jiġri meta jkun hemm bżonn li tiġi ittowjata karozza fil-ġurnata li jinzerta ma jkunx hemm hu sorveljanza.

Is-Sindku qal li f'dak il-każ jċempillu u jiġi.

Id-diskusjoni tkompliet bejn il-Kunsillier għaliex ma bdewx jaqblu ma kif qed isir il-ħlas ta' dan is-servizz u anke inqrat il-legal notice SL65.13 fejn biex tiġi ittowjata karozza il-liġi tagħti is-saħħa kemm lil Kunsill u anke minn jittowja u jitħallas għas-servizz ta towing dirett hu. Il-Kunsill qabel illi is-servizz li jiġi stand by jinqata minn Jannar u jibqa jintalab is-servizz tiegħu meta jkun hemm bżonn ta towing u jitħallas dirett mingħand ir-resident li tiġi ittowjata il-karozza tiegħu. Kien hemm qbil ukoll li jsir *agreement* ta' din il-persuna tat-towing.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**57.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**57.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum18 ta' Diċembru 2023.

| | |
|---|---|
| _***<u>IFFIRMAT</u>***____ | ***<u>IFFIRMAT</u>***_ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |